# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar, 2019**

**Numru 4**

**Citazzjoni numru 685/05 SM**

**L-Onorevoli Dottor John Attard Montalto, il-Perit Austin Attard Montalto, Paul Attard Montalto, Nazzareno sive Reno Attard Montalto, Edward Attard Montalto, Victoria Grech mart Dr. David Grech, Patricia mart Thomas Agius Vadala, Deborah Attard Montalto, Arlette Grech mart David Grech, Angela Hathaway, Mario Galea Testaferrata, it-tabib psikjatra Michael Kitson Attard Montalto, Philip Kitson Attard Montalto, Susan Lee mart Martin Lee, Achille Attard Montalto, Marion Saydon mart in-Nutar Joseph H. Saydon, Charles Vella Bonavita, Mary Ferro Attard Montalto, in-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel, Maria Teresa Scicluna u A.M. Developments Limited (C-18510)**

**v.**

**SIAR Property Investments Limited (C-34267), George Gatt u l-kumpanija Rite-Mix (Gatt Bros.) Ltd (C-2821)**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li jgib id-data tas-26 ta' Lulju, 2005, fejn gie premess:

> "Premess illi l-atturi huma kopropjetarji ta' l-art imsejha ta' Ta' Bibu' jew ta' 'Ghar-Ghasfur' fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar ta' cirka tmientax il-elf metri kwadri (18,000 mz) skond l-anness pjanta hawn immarkata bhala Dokument A, u liema proprjeta` tikkonfina mit-tramuntana mal-bahar, min-nofsinhar in parti ma' proprjeta` tal-familja Sant Cassia, in parti ma' proprjeta` ta' Maria Thersa Deguara Caruana Gatto, in parti ma' proprjeta` ta' Marion Saydon u in parti ma' proprjeta` tal-familja Caruana Galizia, kif ukoll mal-lvant ma' proprjeta` tal-familja Sant Cassia u mill-punent in parti ma' proprjeta` tas-successuri fit-titolu ta' Lucy Bencini u in parti ma tarag li jwasslu sax-xtajta;
>
> "U billi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Roland John Wadge tas-seba (7) ta' Settembru elfejn u erba' (2004), is-socjeta` SIAR Property Investments Limited xtrat u akkwistat il-proprjeta` bin-numru 418 imma li precedentement innumerat 246 u 247 go Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar minghand is-sucessuri fit-titolu ta' Mary Clare Caruana Galizia mizzewwga lil Peter Manduca, liema proprjeta` skond l-imsemmi kuntratt huwa in parti sottostanti l-proprjeta` 418 A go Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, bl-arja taghha, u bil-pussess liberu u vakanti u liema proprjeta` skond l-istess kuntratt ghandu kejl ta' mill-anqas erba mitt metri kwadri (400 sq.mz);
>
> "U billi s-socjeta` konvenuta akkwistat ukoll permezz ta' l-istess kuntratt hawn indikata bhala dokument B, il-maisonette 418 ittra "A,' minghand Prefessor Herbert Gilles, u liema maisonette ghandha entratura separata ghal fuq Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, mill-proprjeta` 418 go l-istess Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar;
>
> "U billi l-konvenuti bdew jaghmlu xogholijiet fuq l-art in kwistjoni u fil-kors ta' dawn ix-xogholijiet invadew, okkupaw u bdew jaghmlu xogholijiet gewwa l-proprjeta` ta' l-atturi u dan b'mod abbuziv u illegali u minghajr il-konoxxenza u/jew il-kunsens tal- atturi. Jidher li twaqqgha hajt tas-sejjieh li kien jifred l-art tar-rikorrenti minn dik akkwistata mill-intimati u sar xoghol ta' skavar u jidher ukoll li r-rikorrenti ser jibdew jtellghu l-bini fuq l-art tar-rikorrenti;
>
> "U billi inoltre illi l-konvenuti erigew ingenji fuq proprjeta` tal-atturi u qed juzaw l-istess art ghal skopijiet konnessi mal-izvillup taghhom;

“U billi l-okkupazzjoni tal-proprjeta` de quo ta’ parti ta’ l-art ta’ l-atturi da parti tal-konvenuti, hija illegali u qed tikkawza danni lill-atturi;

“U billi bl-agir taghhom il-konvenuti mmolestaw lill-atturi fil-pussess ta’ hwejjighom;

“U billi l-atturi jew uhud minnhom avzaw verbalment lill-konvenuti u l-haddiema taghhom biex jiddesistu mix-xogholijiet dawn baqghu ghaddejjin qisu ma kien gara xejn u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddeciedi din il-kawza billi:

“1. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom invadew u/jew okkupaw u/jew ghamlu xogholijiet mod iehor fuq parti mill-porzjon ta’ art imsejha ta’ Ta’ Bibu’ jew ta’ ‘Ghar Ghasfur’ fil-limiti ta’ San Pawl il-Bahar ta’ cirka tmientax il-elf metri kwadri (18,000mz) skond l-anness pjanta hawn immarkata bhala dokument A, u liema proprjeta` tikkonfina mit-tramuntana mal-bahar, min-nofsinhar in parti ma’ proprjeta` tal-familja Sant Cassia, in parti ma’ proprjeta` ta’ Maria Thersa Deguara Caruana Gatto, in parti ma’ proprjeta` ta’ Marion Saydon u in parti ma’ proprjeta` tal-familja Caruana Galizia, kif ukoll mal-lvant ma’ proprjeta` tal-familja Sant Cassia u mill-punent in parti ma’ proprjeta` tas-successuri fit-titolu ta’ Lucy Bencini u in parti ma tarag li jwasslu sax-xtajta hija proprjeta` ta’ l-atturi;

“2. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom immolestaw il-pussess tal-atturi jew parti minnu in virtu ta’ l-Artikolu 534 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq l-istess porzjon art imsejha ‘Ta’ Bibu’ jew ta’ ‘Ghar Ghasfur’ fil-limiti ta’ San Pawl il-Bahar ta’ circa tmientax il-elf metri kwadri (18,000mz) skond l-anness pjanta hawn immarkata bhala dokument A;

“3. Tikkundana lill-konvenuti jew min minnhom, okkorrendo bl-ghajnuna ta’ periti nominandi sabiex fit-terminu qasir u perentorju jirrintegraw lill-atturi fil-pussess u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xogholijiet rimedjali huma stess, a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta’ inibizzjoni u ta’ atti kawtelatorji ohra ppresentati mill-atturi u bl-ingunzjoni tal-konvenuti jew ta’ rappresentanti taghhom;

“L-atturi prezenzjalment jirriservaw kull dritt u azzjoni lilhom spettanti fil-ligi inkluz imma mhux limitat ghal azzjoni ta’ danni naxxenti mill-agir tal-konvenuti kif premess f’din il-kawza”.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta SIAR Property Investments Limited tat-13 ta' Ottubru, 2005, li permezz taghha eccepiet:

> "Illi d-dritt ta' proprjeta` vantat mill-atturi bl-att tac-citazzjoni hu kontestat mis-socjeta` eccipjenti, u konsegwentement l-istess socjeta` tikkontesta l-interess guriduku ta' l-atturi fl-azzjoni minnhom istitwita.
>
> "Salvi eccezzjonijiet ohra".

Rat li l-konvenuti George Gatt u s-socjeta` Rite-Mix (Gatt Bros.) Ltd. ma ressqu ebda nota tal-eccezzjonijiet, minkejja li kienu debitament notifikati u ghalhekk waqghu fi stat ta' kontumacja.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` konvenuta SIAR Property Investments Limited, li permezz taghha eccepiet ulterjorment illi:

> "Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet minnha sollevati permezz tan-Nota ta' Eccezzjonijiet originali taghha, is-socjeta` SIAR Property Investments Limited teccepixxi ulterjorment illi l-atturi tilfu l-interess guridiku li huma qatt seta' kellhom, *si et quatenus,* f'dawn il-proceduri stante li fil-mori tal-istess, bis-sahha ta' dikjarazzjoni maghmula mill-President ta' Malta fl-10 ta' Mejju 2007, giet dikjarata bhala mehtiega mill-awtorita` kompetenti ghal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, *bicca art tal-kejl ta' madwar 442 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Anton Camilleri u ohrajn, mix-Xlokk ma' proprjeta` ta' Arthur Gauci u ohrajn u mil-Lbic ma' proprjeta` ta' Carmelo Fava u ohrajn jew irjieh verjuri*. L-akkwist relativ hu b'xiri assolut (Dokument 'X'). L-art hekk dikjarata bhala mehtiega ghal skopijiet pubblici hija proprio l-art meritu tal-proceduri odjerni.
>
> "B'applikazzjoni tal-Artikolu 22(8) tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif saret id-Dikjarazzjoni mill-President, l-art meritu ta' dik id-Dikjarazzjoni titqies li giet trasferita lejn u giet akkwistata mill-awtorita` kompetenti bhala libera u franka, bil-pertinenzi kollha taghha, u dana bis-sahha tal-istess Kap. 88 minghajr ebda assikurazzjoni jew formalita` ohra.

> "Ghaldaqstant l-azzjoni attrici ghal din ir-raguni ulterjuri ukoll ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-atturi.
>
> "Salvi eccezzjonijiet ohra".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Ottubru, 2013, li permezz taghha ddecidiet il-kawza fl-ismijiet premessi fis-sens illi:

> "… tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u terga' tirribatti li qed tirrespingi wkoll l-eccezzjonijiet ulterjuri taghha tirrileva li t-talbiet attrici kif postulati issa m'ghadhomx aktar konsoni mar-realta` ezistenti qabel ma saret l-esproprjazzjoni de quo u konsegwentement:
>
> "1. Tiddikjara li l-konvenuti immolestaw il-pussess tal-atturi fuq il-feles art kif fuq indikat minnhom fic-citazzjoni promotrici;
>
> "2. Tikkundanna lill-konvenuti arbitio boni viri biex ghall-feles art fuq indikat ihallsu lill-atturi s-somma ta' hames elef Ewro, (€5,000.00);
>
> "3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-konvenuti."

Dik il-Qorti ddecidiet il-kawza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "11.0. Ezaminat ir-relazzjoni peritali de quo li sintetikament osservat is-segwenti:
>
> "11.1. Illi effettivament hemm feles art li jappartjeni lill-atturi u gie inkorporat fil-bini tal-konvenuti, (ara fol 59);
>
> "11.2. Illi l-art indikata bil-kulur orangio fil-pjanta a fol 8 tal-process hi kolpita in toto bid-dikjarazzjoni Presidenzjali datata l-10 ta' Mejju, 2007, (ara fol 59);
>
> "11.3. Illi l-linja ta' zvilupp tal-konvenuti hi preciz mal-allenjament tat-triq kif stabbilita mill-MEPA li jirrispekkja l-konfigurazzjoni tal-art esproprijata, (ara fol 59);

"11.4. Illi l-art esproprijata ma tinkorporax il-hajt tas-sejjieh in dizamina, (ara fol 59 u 60), stante li d-dikjarazzjoni de quo tkopri biss dik il-parti tat-triq li tasal sal-linja tal-bini tal-konvenuti;

"11.5. Illi allura l-feles art li jappartjeni lill-atturi gie anness mal-bini tal-konvenuti;

"11.6. Illi ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jafferma li din kienet xtrat il-hajt tas-sejjieh de quo, il-perit tekniku nominat ma jaqbilx stante li ma jirrizulta xejn minn dan fil-kuntratt t'akkwist in dizamina, (ara fol 60);

"11.7. Illi hu ritenut li l-posizzjoni tal-bieb li kien hemm imwahhal mal-hajt tas-sejjieh de quo ma jitfa' l-ebda dawl fuq min hu il-proprjetarju tal-istess hajt kif erronjament tallega l-istess socjeta` konvenuta, (ara fol 60);

"11.8. Illi s-socjeta` konvenuta naqset li ggib prova li l-hajt tas-sejjieh jappartjeni lilha;

"11.9. Illi ghalhekk l-istess perit tekniku jikkonkludi li l-hajt effettivament jappartjeni liz-zewg partijiet – wiehed kull naha, (ara fol 61);

"11.10. Illi stante li d-differenza fil-livell tal-artijiet hi wahda irrizorja, din mhix indikattiva xejn fir-rigward ta' min jista' ghalhekk ikun il-proprjetarju tal-hajt tas-sejjieh de quo, (ara fol 61);

"11.11. Illi konsegwentement il-perit tekniku de quo wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> "11.11.1. Illi bejn il-linja tat-triq kif esproprijata u nofs il-hajt tas-sejjieh, hemm feles art triangolari li jappartjeni lill-atturi u hu kkulurit ahmar fid-Dok. JEV/A;
>
> "11.11.2. Illi dan il-feles hu ta' kejl ta' erbgha punt metru kwadru, (4.1), u ta' tul ta' tlettax punt wiehed tnejn metri kwadri, (13.12), (ara fol 62);

"12. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet fuq talba taghhom stess, biex it-trattazzjoni finali tal-kaz issir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 170), u dan, kif sussegwentement modifikat fid-digriet taghha tat-23 t'Ottubru, 2012, (ara fol 171);

"13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi datata l-5 ta' Novembru, 2012, u dik tas-socjeta` konvenuta datata t-18 t'April, tal-istess sena, (ara fol 172 u 178 rispettivament);

"14. Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

“Ikkunsidrat:

“15. Illi effettivament din il-kawza tant dispendjuza f’rizorsi, zmien u flus, hi riducibbli ghall-hajt tas-sejjieh ta’ tul ta’ erbgha (4) metri kwadri li hu trijangolari u jispicca fix-xejn;

“16. Illi ghalhekk, tenut kont tal-mertu verament irrizorju nvolut, il-procedura odjerna ma tistax ma tkunx meqjusa bhala wahda skandaluza;

“Ikkonsidrat:

“17. Illi nonostante s-suespost (ara paragrafi hmistax, (15), u sittax, (16)), xorta hi kostretta tindirizza l-eccezzjonijiet sollevati – specjalment dik rigwardanti l-interess guridiku sollevat mis-socjeta` konvenuta;

“18.0. Illi f’dan ir-rigward jinghad is-segenti:

“18.1. Illi skont l-insenjament tal-kawza fl-ismijiet Beatrice Manche` nomine vs Maria Montebello, tal-Qorti ta’ l-Appell, datata t-13 ta’ Frar, 1953, (Vol. XXXVII.1.56):

“Skont id-duttrina u l-gurisprudenza, biex jsita’ jinghad li jkun hemm interess legali fil-proponiment tal-azzjoni, huwa bizzejjed li l-kawza tkun tista’ tipproduci rizultament utili jew vantaggjuz lil min jipproponiha”;

“18.2. Illi rigward l-utili jew vantagg in dizamina din il-qorti qed tistrieh ghal kollox fuq il-konkluzjoni peritali fuq riferita li ghalkemm ghandu jkun pacifiku li effettivament din il-procedura hi de minimis, jidher li xorta ghadha ta’ interess lill-atturi;

“18.3. Illi ghaldaqstant qed tiehu l-opportunita` tiddikjara li qieghda ghalhekk tistrieh ghal kollox fuq ir-relazzjoni peritali fuq sintetikament elenkata, (ara paragrafu numru hdax (11) fuq indikat), u qed taghmlu taghha;

“18.4. Illi ghalhekk, stabbilit li l-atturi ghandhom interess f’dan l-ispazju tal-hajt tas-sejjieh de quo, tiddikjara li l-atturi, nonostante l-esproprijazzjoni de quo, ghad verament baqghalhom l-interess guridiku u legali li jippersegwixxu din il-procedura – ghalkemm il-principji tal-proporzjonalita`, tal-buon sens u tal-pratticita`, jindikaw mod iehor;

“DECIDE:

“18.5. Illi ghaldaqstant, qed tirrespingi din l-eccezzjoni kif sollevata mis-socjeta` konvenuta fuq gia` riferita, bl-ispejjez;

“Ikkonsidrat:

“19.0. Illi fuq il-mertu ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

> “19.1. Illi l-atturi huma proprjetarji tal-art hekk esproprijata, inkluz il-parti koperta mill-hajt tas-sejjieh de quo, jew sahansitra kif isostni b’aktar precizjoni l-perit tekniku nominat – ta’ nofs il-hajt tas-sejjieh de quo, (ara paragrafu hdax punt hdax punt wiehed), (11.11.1), u fol 61-62);
>
> “19.2. Illi l-esproprjazzjoni de quo ma kkolpietx dan il-feles indikat fil-paragrafu precedenti;
>
> “19.3. Illi l-konvenuti jirrizulta li mmolestaw lill-atturi fil-godiment tal-proprjeta` taghhom billi bl-akbar ardir qabdu u dahlu fl-istess proprjeta` u utilizzawha kif dehrilhom – haga verament odjuza li ma tistax tigi tollerata u li dawn il-qrati missu li ilu li waqqfu lil dan l-abbuz;”

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta’ Ottubru, 2013, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tikkonfermaha in kwantu laqghet l-ewwel u t-tieni talbiet attrici u rrespingiet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tvarja d-decizjoni fuq it-tielet talba tal-atturi. Dan billi minflok li tiffissa *arbitrio boni viri* s-somma ta’ € 5,000, tilqa’ t-tielet talba attrici u tordna lill-konvenuti sabiex jirreintegraw fil-pussess lill-atturi appellanti l-art rimanenti proprjeta` taghhom, fi zmien qasir u perentorju u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghlijiet rimedjali huma stess a spejjez tal-konvenuti appellati jew min minnhom. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta tal-appell u appell incidentali tal-konvenuti intimati SIAR Property Investments Limited, George Gatt u Rite-Mix (Gatt Bros.)

Limited, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm moghtija, filwaqt li talbu li din il-Qorti tirrespingi l-appell tal-atturi appellanti, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom, talbu wkoll li din il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom u dawk ulterjuri sollevati, tghaddi sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Ottubru, 2013, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u konsegwentment tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Rat ir-risposta ta' AM Developments Limited ghall-appell incidentali tal-konvenuti, li permezz taghha u ghar-ragunijiet minnha moghtija, talbet li l-appell incidentali jigi michud, bl-ispejjez a karigu tal-istess socjetajiet konvenuti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami, li baqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti hemm ezebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-azzjoni attrici hija l-hekk imsejha *actio manutentionis,* kif kontemplata fl-Artikolu 534 tal-Kodici Civili, li jipprovdi:

> *"Kull min waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga immobbli jew ta' universalità ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess jista', fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b'idejh il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b' titolu prekarju*."

L-ewwel Qorti permezz tas-sentenza appellata, filwaqt li rrespingiet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, inkluza dik moghtija b'mod ulterjuri, laqghet it-talbiet attrici billi ddikjarat li sehhet il-molestja fil-pussess tal-atturi ta' feles art, izda ma ddecidietx it-talba tal-atturi appellanti ghar-ri-integrazzoni fil-pussess tal-istess art tal-atturi, filwaqt li kkundannat lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' €5,000, li gew likwidati *arbitrio boni viri.*

L-atturi appellanti principalment hassewhom aggravati bis-sentenza appellata safejn l-ewwel Qorti ma ddeciditx dwar it-tielet talba taghhom li permezz taghha talbu li tinghata ordni mill-Qorti sabiex il-konvenuti jirreintegraw lill-atturi fil-pussess ta' hwejjighom u dan fi zmien qasir u perentorju.

Il-konvenuti appellati fir-risposta taghhom, iqajjmu l-punt li l-procedura adoperata mill-atturi appellanti meta pproponew l-appell in ezami, hija irrita u nulla, stante li safejn l-aggravju tal-appellanti jissejjes ruhu fuq in-nuqqas tal-ewwel Qorti milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba taghhom, dan kien jinkwadra ruhu sewwa sew fil-provvediment tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) li

jipprovdi specifikament ghal din l-eventwalita`. Ghalhekk jikkontendu li l-appell principali ghandu jigi skartat u michud, bl-ispejjez kontra l-atturi appellanti.

Ikun opportun li jigi nvestit mal-ewwel dan il-punt sollevat mill-konvenuti appellati. L-Artikolu 235 tal-Kap. 12 jipprovdi hekk:

> *“Meta l-qorti ta’ l-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell ab omissa decisione:*
>
> *“Izda, kull wahda mill-partijiet tista’, fiz-zmien ta’ hmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta’ rikors, titlob lill-qorti ta’ l-ewwel grad li taqta’ dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid, il-qorti tiddeciedi fuq dik it-talba; f’ dan il-kaz, iz-zmien ghall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jghodd minn dak in-nhar ta’ l-ahhar decizjoni:*
>
> *“Izda, ukoll, kull wahda mill-partijiet tista’, f’ kull zmien li jkun, titlob quddiem il-qorti ta’ l-ewwel grad, bil-mezz ta’ rikors guramentat, id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza.”*

Minn qari tal-artikolu appena citat huwa evidenti li ladarba jkun stabbilit li Qorti tkun halliet barra mid-decizjoni taghha xi talba tal-partijiet fil-kawza, ir-rimedju stabbilit huwa dak li fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tas-sentenza, jitressaq rikors quddiem l-istess Qorti tal-ewwel grad sabiex dik it-talba tigi deciza, jew fin-nuqqas, li jitressaq mill-gdid rikors guramentat quddiem l-istess Qorti f’kull zmien. Fis-sentenza ta’ din il-Qorti, sede inferjuri, tas-16 ta’ Marzu, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Mario Galea et v. Tacsum Limited** gie elaborat il-kuncett li ladarba l-omissjoni tkun saret mill-ewwel Qorti, din il-procedura ta’ rikors jew rikors guramentat ghandha

ssir quddiem l-istess Qorti sabiex din taghti decizjoni fuq il-punt li thalla barra minnha, kif jirrizulta mill-kliem tal-istess artikolu. Huwa evidenti li l-incident ghandu jingieb quddiem il-Qorti li tkun halliet barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti. (Ara wkoll is-sentenza riportata f'**Kollez. Vol. XXXI P I p 659**). Jinsab deciz ukoll illi meta huwa l-kaz ta' omessa decizjoni f'sentenza, l-Imhallef li jista', u ghandu, jaghti s-sentenza li giet ommessa hu l-istess wiehed li qata' l-kawza fejn dik id-decizjoni giet ommessa. Ghalhekk, issokta jinghad, illi dan ma jistax jigi rikuzat meta ssir it-talba ghad-decizjoni li giet ommessa. (Ara s-sentenza riportata f'**Kollez. Vol. XXXI P I p 600**)

Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Settembru, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Boldarini et v. Mary Mallia et**, inghad ukoll:

> *"Fid-dawl ta' dak provdut fil-precitat artikolu tal-ligi, huwa evidenti li l-procedura li kellhom isegwu l-atturi appellanti ma kellhiex tkun dik ta' appell quddiem din il-Qorti izda ta' talba quddiem il-Qorti ta' prim istanza kif provdut f'dak l-artikolu tal-ligi. Fil-kaz odjern japplikaw in partikolari d-disposizzjonijiet tat-tieni proviso ta' l-Artikolu 235 imsemmi, billi una volta li l-atturi naqsu milli permezz ta' rikors ipprezentat fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tas-sentenza jitolbu lil dik il-Qorti biex taqta' dawk it-talbiet li thallew barra, kull wahda mill-partijiet issa tista' f'kull zmien li jkun titlob quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad permezz ta' rikors guramentat id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li t-talba tal-atturi appellanti sabiex tinghata ordni mill-Qorti li l-konvenuti jirreintegraw lill-atturi fil-pussess ta' hwejjighom ma gietx deciza mill-ewwel Qorti. Isegwi li l-appell tal-atturi tabilhaqq huwa rritu u null u ma jistax jirnexxi, peress

li m'adoperawx il-procedura idoneja sabiex jindirizzaw l-ommissjoni tal-ewwel Qorti li tiddeciedi t-tielet talba taghhom, u ghalhekk l-appell principali mressaq mill-atturi appellanti ser jigi michud.

Jonqos li jigi trattat l-appell incidentali tal-konvenuti. L-ewwel ma ghandha tigi trattata f'dan il-kaz, hija l-eccezzjoni mqanqla fir-risposta ghall-appell incidentali ta' A. M. Developments Limited, fejn fost affarijiet ohra jinghad minnha li, fl-eventwalita` li l-appell principali jigi dikjarat null, dan ikollu effett fis-sens li jgib fix-xejn l-appell incidentali wkoll.

Din il-Qorti taqbel ma' dan il-punt sollevat mis-socjeta` A. M. Developments Limited. Ladarba qeghda tintlaqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti appellati fis-sens li l-appell principali qieghed jigi dikjarat null, isegwi li l-appell incidentali wkoll jaqa'. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Novembru, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **V. Attard (Works) Limited v. St. Michael School Company Limited et.**) Kwindi ghall-istess ragunijiet ser tichad l-appell incidentali wkoll.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi li tiddisponi kemm mill-appell principali, kif ukoll mill-appell incidentali billi <u>tichad</u> l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Ottubru, 2013, fis-shih.

Filwaqt li l-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, il-partijiet ghandhom ibaghtu l-ispejjez tal-appell rispettiv imressaq minnhom.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm